# L-Għana Popolari u t-Taqbil bla sens

*kitba ta'* **J.J. CAMILLERI** *B.A., M.A., A.I.E. (Lond.)*

**L-għana** popolari kien l-ewwel letteratura ta' kull pajjiż. Ħafna minn dan il-għana illum intilef, l-aktar għaliex ma kienx jinkiteb. Il-poplu kien illitterat u taqbiliet li ħarġu minn qalbu f'waqtiet ta' ferħ u hena, inkwiet u hemm kienu biss espressjoni sinċiera ta' dak li kien qiegħed iħoss dak il-ħin. Li ma għaddewx minn fomm għal fomm, minn missier għal uliedu, kieku kienu jintilfu għal kollox.

L-għana popolari kien fuq kollox mezz ta' divertiment. Il-għana kien popolari fil-ħwienet. Bejn tazza inbid u oħra, l-irġiel kienu jgħannu. Itennu xi ġrajja li tkun ġrat, iqabblu dwar xi suġġett partikolari, jizzikaw u jgħajjru lil xulxin. Il-għana akkumpanjat mad-daqq tal-kitarri kien il-karatteristika speċjali ta' kull xalata. Fit-triq huma u sejrin fuq il-karettun, ħdejn il-baħar, f'xi festa. Kienet drawwa wkoll li l-irġiel jiltaqgħu barra għall-frisk fil-għaxija għad-dawl ta' qamar, jew iduru mat-toroq tar-raħal idoqqu u jgħannu. Il-ħajja ma kinitx ikkomplikata, u dan kien l-iżvog tagħhom ewlieni.

Il-għana popolari kien ukoll popolari man-nisa. Il-ballata waqt li kienu jkunu jballtu bid-deffun il-bjut tan-nies, kienu joqogħdu jgħannu, xejn xejn ma jarawx iż-żmien għaddej. Il-jum tax-xogħol kien twil. Hekk kienet tagħmel il-mara tad-dar waqt il-faċendi u l-ħasil tal-ħwejjeġ. Il-ħasil tal-ħwejjeġ bl-idejn kien jieħu għat-tul.

Waqt ix-xogħol kont tisma' dan l-għana, kemm jekk il-bidwi fl-għalqa kellu wisq x'jagħmel, u kemm jekk is-sajjieda jkunu jogħlew mal-mewġ f'baħar qawwi. Il-Maltin ma kienux jafu mużika oħra ħlief dik tal-kitarra. L-għamla oħra ta' mużika li kienu wkoll jisimgħu dak iż-żmien kienet dik ukoll tal-knisja. Il-mużika tal-knisja marret 'il quddiem aktar minn kull għamla ta' mużika oħra.

Suġġett popolari ta' l-għna folkloristiku kien l-imħabba. L-għannej għanna lill-ħanina tiegħu u faħħar ġmielha u l-għaqal tagħha. Dawn ifakkruk fit-*troubadeurs* Franċiżi, l-għanjiet tagħhom kienu sbieħ minħabba s-sempliċità u s-sinċerità tagħhom. Iżda l-għana folkloristiku Malti li jitratta l-imħabba, għandu dik, il-karatteristika ta' swied il-qalb kif juru f'ħafna taqlibiet li waslulna. L-għannej għandu qalbu mnikkta meta minn qalbu joħorġulu dawn il-versi:

O ħuttafa li madwari
Kull fil-għodu tiġi ddur,
Tiġi u tgħajjat bħal miġnuna,
Ġewwa l-bejta ma tridx tmur.

Nifhem jien li ġralek bħali,
Meta ħsibt li f'ġenna wsalt,
Kont ninħabb u ġew serquli
Dik li f'qalbi kont daħħalt.

L-istess ton ta' swied il-qalb jinsab f'dik l-għanja folkloristika.

Dik is-sħaba sewda sewda
Li żżomm taħt ix-xemx moħbija,
Lil tal-mewt tixbaħ il-għata
Meta tiġi fiż-żgħożija.

Ċkejken wisq id-daħk tal-faraġ,
Żgħira il-hena, żgħir il-ferħ,




*Xena tipika tas-seklu dsatax, raħħala sejrin għall-wirja agrarja ta' l-Imnarja fil-Buskett, post magħruf ħafna għall-għana.*
*(bil-kortesija ta' T. Terribile)*

Għali kollox u tbatija
F'din il-mixja ta' bla serħ.

Xert kiefra, inti ċaħħadtni
Minn kull ġid, kull hena tiegħi;
Anqas għedtli kemm bi ħsiebek
Iddum twebbes qalbek miegħi.

Għid, għallinqas, ġewwa qabri
Bi ħsiebek tħallini kwiet?
Ikollux mistrieħ dal-ġisem
X'ħin bil-ħasra ikun miet ... ?

L-Għanja ta' l-Awditur hi wkoll dwar in-niket li ssib ruħha fih mara miżżewġa. Żewġha jsir jaf li din kellha maħbub ieħor, u issa la jaf m'hemmx ħniena għaliha. Taf x'ġej għaliha, iżda taħfirlu u ma tixtieqlux id-deni, għax issa nidmet. Silta minn din l-għanja turina mill-ewwel din in-nota ta' dwejjaq.

Ommi, meta mmutlek jiena
Għaddini minn triq bla nies,
La rridek qniepen iddoqqli
U anqas tqaddisli quddies.

Ommi, meta mmutlek jiena
Għaddini minn triq mistura,
Ħalli l-ġara tgħid 'il oħra,
"Din bint il-Balzan maqtula."

Ommi, meta mmutlek jiena
Għaddini minn fuq is-sur,
Ħalli ġara tgħid"'il oħra,
"Din bint il-Lawditur."

Ommi, meta mmutlek jiena
Int idfinni taħt il-għatba,
Ħalli ma' kull ħarġa u daħla
Tiftakar fija l-imħabba.

Ommi, meta mmutlek jiena
Fit-tebut għamilli tieqa,
Ħalli meta jerġa' jiżżewweġ,
Jisimgħu jiena jitnieda.

L-imħabba għaż-żagħżugħ hi l-istess ħajja. Issa li tilfha jixtieq kieku jwebbes qalbu, iżda qalbu hemm għadha. Jittama xi darba li għad terġa' taqa' għalih. Dan hu l-ħsieb ewlieni ta' din il-għanja.

Kemm kienu jgħanni u jibki
Għal dik il-qalb il-vera ngrata!
'Ma l-ktajjen ta' l-imħabba
Forsi norbot f'dil-ġurnata.

Ħabbejt qalb ta' bla imħabba.
Kienet tmissni din il-piena?
Min rani f'din ir-rabta
Minni żgur ġietu xi ħniena.

Fejn kont il-maħbub ta' qalbha
Issa daż-żmien tiddisprezzani,
B'għajn supperva tħares lejja
Tidħak bija fejn tarani.

Għal imħabbti jkollha terġa'
Għax bħali ma ħabbha ħadd,
'Ma issa jien inwebbes qalbi
Lejha iżjed ma nħares qatt.

Din l-għamla ta' għanjiet influwenzat l-ewwel poeti tagħna. Ħafna minnhom baqgħu juru dan is-swied il-qalb. Għal Ġan Anton Vassallo l-ħajja ma kinitx ħlief taħbit meta jgħid:

U ibda tħabat, fqir u għani
Għalik hena iżjed m'hemmx,
Din hi l-liġi - Għandu jbati
Kull min jimxi taħt ix-xemx.

Liema bniedem qatt fid-dinja
X'inhi l-hena jista' jgħid?
Nara lili u 'l ħaddieħor,
Kulħadd għandu xi taħbit.

Min qal l-hena l-ewwel darba
Ma qalux għax jaf x'inhu,
Xebbħu f'rasu, xtiequ f'qalbu
Iżda qatt ma ġarbu hu.

L-istess timbru ta' swied il-qalb insibuh f'Katrin ta' l-Imdina ta' Dwardu Cachia. Katrin iżżewġet u romlot fl-istess jum. Waqt il-festa tat-tieġ tagħha, waslet l-aħbar li kienu niżlu t-Torok l-art. Il-Ħakem, ir-raġel ta' Katrina, mar jissielet magħhom, u fit-taqtigħa ħalla ħajtu.

Min jista' jgħid x'ħasset
X'ħin semgħet l-aħbar
Katrina? Bħal berqa
Dlonk ħarġet mid-dar.

Il-ħbieb marru wrajha
Sabiex iżommuha,
Ilkoll daru magħha,
U riedu jsabbruha.

Bħal ġenn hawn jaqbadha
Ma trid tisma' l-ħadd;
Bdiet twarrab b'idejha
Bikkiet lil kulħadd.

X'ħin tilmħu, tintilef
U taqa' hemm fl-art
Fejn kienu fil-għodu
Xerrdulhom il-ward.

Minn xebba w għarusa
F'ħin wieħed dil-mara
Ittejġet u tormol,

Min jista' jsabbarha?

Iżda l-għana folkloristiku mhux kollu kien hekk. Kien hemm ukoll il-versi sbieħ u ħfief ta' l-imħabba.

X'int sabiħa, ja ħanina,
Żewġ wardiet is-sbieħ ħaddejk,
Fommok xheda għasel ħelu,
Par ġawhriet jilmgħu għajnejk.

Kien hemm ukoll il-versi popolari b'temi patrijottiċi, u reliġjużi. Manwel Dimech kiteb fuq dan l-istil, per eżempju, it-taqbila tiegħu jisimgħa l-Innu Malti.

Hekk ikun! Amen! Stenbaħna!
Tregħdu għedewwa tal-Maltin!
Jekk le kontu tafu x'aħna,
Li tafuh wasal il-ħin.

Tregħdu, tbegħdu għax ġejjin,
Ulied Malta il-qalbenin.

Jasar qatt! Jasar għalina?
Qatt, le qatt! Il-mewt aħjar.
Iva l-mewt! O liema fina
Qiegħed jikbes qawwi n-nar.

Tregħdu, tbegħdu għax ġejjin,
Ulied Malta il-qalbenin.

Mewt! Elf mewt! Ma ħajja lsira
Min il-mewt ma jibdilhiex?
Min għal Malta, il-ħlewwa gżira
Bil-ferħ ħajtu ma itihiex?

Tregħdu, tbegħdu għax ġejjin,
Ulied Malta il-qalbenin.

Ħalli mmutu, iżda f'idejna
Jibqa' is-sejf, le ma nerħuhx
Qabel ma jingħalqu għajnejna,
Jerħi s-sejf min hu mitruħ.

Tregħdu, tbegħdu għax ġejjin,
Ulied Malta il-qalbenin.

Ħarsu lejna, ulied minn tagħna,
Jekk nibżgħux intom araw,
Bħalna kunu le beżgħana,
Bħalna tmqadru l-mewt idraw.

Tregħdu, tbegħdu għax ġejjin,
Ulied Malta il-qalbenin.

Aħna fl-art b'demmna msoqqija
Inħallukhom meħlusin.
Għandkom driegħ, tagħkom il-ħtija
Jekk għad tkunu mirbuħin.

Tregħdu, tbegħdu għax ġejjin,
Ulied Malta il-qalbenin.



*Xena tipika taż-żminijiet tal-lum. (Mix-xellug) Michael Cumbo magħruf 'Iż-Żgej' li jispeċjalizza fl-għana magħrufa bħala 'A la Bormliża' flimkien mal-kitarristi Kevin Spagnol, Kalċidon Vella, u Żeppi Spagnol.*

F'waħda mill-għanjiet folkloristiċi u patrijottiċi, Malta tgħid il-ġrajja tagħha lil uliedha. Tistidinhom ukoll biex ikomplu jitgħallmu l-istorja. It-taqbila tibda hekk:

Bi kliem ħelu irrid nitħaddet,
Jien ma' dawk li għadhom żgħar,
Biex jitgħallmu x'għandhom igħidu
Meta jkunu aktar kbar.

Is-sabiħa storja tiegħi
Minn uliedi mhix magħrufa,
Għalhekk qalbi wisq mgħasura,
B'għali inħoss rasi mitlufa.

Jekk int tħares lejn il-mappa,
Żgħira wisq jiena pinġuta,
Qisu baħar l-aktar wasa
U jien tiegħu l-iċken ħuta.

Iżda jien le miniex żgħira,
Anzi l-akbar fost il-bliet,
Għax mixtieqa mill-ġnus kollha

Sa mill-ibgħad żmenijiet. Imbagħad waslulna għadd ta' strofi li jaqblu, illi ftit jagħmlu sens. Aktarx li dawn kienu tħammim, biex per eżempju, l-omm traqqad it-tarbija waqt li tkun tbenninha. Kienu jingħadu minn taħt l-ilsien waqt li l-mara tkun togħrok il-ħwejjeġ fil-banju jew iċ-ċangatura ta' l-għorfa. Eżempji minn dawn it-taqbiliet għandna ħafna. Uħud huma marbutin ma' xi festa, jew qaddis.

Il-lejla lejliet lapsi,
In-nies tal-belt iġerru d-dgħajjes.
Kannestru ċirasa
Fuq il-mejda ta' għarajjes.

Dis-sena ma mmurx l-Imnarja,
Sen'oħra mmur il-Buskett,
Nieħu l-Katrina miegħi
Naqtagħlha l-isbaħ bukkett.

San Nikola tal-Vinturi,
Tlabtu waħda tagħni tnejn;
Waħda wiċċha bil-ġidri,
L-oħra wiċċha bil-ħummejr.

Għajma qalbi kemm tuġani,
Kilt il-għeneb bla misjur,
Ixxabbatt mal-kannizzata
Bħala l-kelb tal-kaċċatur.

Dak it-tin ta' San Sidoru
Li jissajjar mingħajr dukkar,
Inħobbu lil ħanini inħobbu
Għax iġiebli l-ħobż id-dar.

Il-bilbla bint id-durrajsa
Li tbejjet qalb il-kemmun,
Fl-għaxija torqod kmieni
Biex fil-għodu tbakkar tqum.

Il-kitarra fiha toqba,
Ġo fiha daħal ġurdien,
Spiċċatlu lil Ġorġi l-għassa
Nibda nkellmu kullimkien.

San Lawrenz tal-Birgu tagħna,
Il-Konċezjoni tal-Bormliżi,
Li ma kienx il-melħ u t-tafal
Ma jgħixux il-Kalkariżi.

Dak l-arloġġ idoqq u jtenni,
Idoqq il-kwarti u s-sigħat,
Ngħidilkom ħanini fejnu,
Ġo l-Imqabba jaqta' l-blat.

Kull par għal paru,
Dak it-tin irid dukkaru,
L-ikbar gwaj li fiha d-dinja
Min idaħħlu xiħ ġo daru.

Tlajt it-telgħa ta' Sant'Anna,
Sibt qasrija bir-rużell,
Min irid xi ħuta friska
Għandi l-kaħli u l-paġell.

Huma u sejrin xi xalata, per eżempju lejn l-Armier, din l-għanja kienet popolari ħafna.

Meta morna tal-Mellieħa
Konna wieħed u tletin,
Ħadna l-qaribna magħna
U sqejnieh ir-rożolin.

Meta morna tal-Mellieħa,
Għaddejna minn Ġnien Ingraw,
Rajna siġra kbira kbira
Taħtha joqgħod il-babaw.

Meta morna tal-Mellieħa,
Ħadna flixken, ġibna t-tazzi,
Ommi issa saret xiħa
Missieri waqqa' l-mustaċċi.

Eżempju ta' taqbil bla sens:

Dura durella,
Qasba żigarella
Ħija l-abbatija
Bil-kappell tal-mustaxija.

Ġellewża, ġellużina
Mort l-imħakka ta' l-Imdina,
Mort għand in-nanna
Tatni libsa tal-girlanda,
Tal-girlanda ma rridhiex.
Irridha tal-bellus,
Tal-bellus tqum il-flus,
Flus m'għandix,
Ċaqċaqhielu is-sur għarus.

Bub, bub il-bieb,
Mur ara min ġie.
Ġie patri kabuċċin.
Ġibilna qoffa tin,
It-tin pappejnieh
U l-patri keċċejnieh.

Dembi, itri dembi,
Il-qattus girifli dembi,
Dembi ravjula,
Nofsu sinjura.

Għada jkollna t-tieġ
Tal-flieles u t-tiġieġ,
Frawli biz-zokkor
Pastizzi bis-summien.

Ix-xita u x-xemx,
In-nanna San Lawrenz,
Koċċi, koċċi, koċċi,
In-nanna tilgħab il-boċċi.
Il-boċċi tal-kulur.
Marret tilgħan fuq is-sur.



*Il-kitarrista Mosti, Ronnie Calleja. Magħruf ħafna fost id-dilettanti ta' l-għana bħala kitarrista ta' ħila kbira.*

Għamel xita, għamel għamel
Ħalli jikber il-ħaxix,
Il-ħaxix intuh il-mogħża,
Il-mogħża ttina l-ħalib.
Il-ħalib intuh in-nanna,
In-nanna tħitilna l-qmis.

Żinn, żinn it-tiben
Il-ħotbija għandha tifel
Semmietu Ferdinandu.
Il-qassis ma riedx jgħammdu,
Għammdu t-tabib
Għal inkejja tal-qassis.

Qumu, qumu, pasturelli,
Qumu, qumu ferħanin,
Il-Madonna għandha tifel
Semmietu Ġesù Bambin.

L-aħħar kelma ngħiduha wkoll b'għanja popolari:

Bonosira, bonosira
Għax minn hawn aħna sejrin,
Nisperaw nerġgħu niltaqgħu
Jekk aħna nibqgħu ħajjin.

# GĦALL-BEJGĦ

## Il-ktieb '*MUSTENSIA*'




Wara talba ta' ħafna dilettanti, is-Soċjetà għadha kif ħarġet għall-bejgħ l-ewwel volum ta' '*Mustensia*' li jikkonsisti minn ġabra ta' artikli li diġà dehru fil-pubblikazzjonijiet tas-Soċjetà fil-festi ta' Santa Marija. Ħajr speċjali lill-Bord Editorjali kompost minn Manwel D Schembri (Editur), Joseph Borg, Saviour Dimech, Joseph V. Sammut u Frans Deguara.



## DISKI KOMPATTI u KASETTS

Barra minn hekk, is-Soċjetà għandha għall-bejgħ diversi diski kompatti u vidjows, li wieħed jista' jakkwista mill-Każin stess għall-prezz ta' Lm5 il-kopja.

* L-Innu '*ALLA BEATA MARIA VERGINE*' ta' A. Miruzzi u Dun W. Azzopardi u diversi Innijiet Marjani;
* Il-Kunċert Memorabbli tal-20 - X - 2001 fl-okkażjoni tal-130 Anniversarju;
* Sett ta' Marċi Funebri maħruġ fl-2001;
* Sett ta' Marċi Brijużi maħruġ fl-2000.

## VIDJOWS

* Il-Kunċert Memorabbli tal-20 t'Ottubru 2001 fl-okkażjoni tal-130 Anniversarju;
* Il-Kunċert Storiku mill-Banda Nicolò Isouard, bil-parteċipazzjoni tal-Banda Santa Marija, fil-bini tan-Nazzjonijiet Uniti fid-29 ta' Novembru 2001.